**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 26 ta' Gunju, 2019**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 593/2017**

**Olivia Mallia**

**vs**

**Inna Sergeevna Furtseva u**
**b'digriet tas-7 ta' Awwissu 2017**
**Dr Noel Cutajar u P.L. Nadine Farrugia**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw**
**l-assenti zewgha Terrance Gialanze**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-28 ta' Gunju, 2017 li jghid hekk:

1. Illi permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Settembru 2010 fl-atti tan-nutar Dr Patricia Hall, l-esponenti dehret bhala garanti ta' huha, Terrance Gialanze, u l-intimata martu Inna Sergeevna Furtseva. Permezz tal-imsemmi kuntratt, l-intimati isselfu l-ammont komplessiv ta' mija hamsa u sebghin elf ewro (€175,000) minghand HSBC Bank Malta plc (Vide kuntratt Dok. A);

2. Illi ghall-habta ta' Novembru 2012, l-imsemmi Terrance Gialanze gheb, tant li anke infethet inkjesta magisterjali, u ghal dawn l-ahhar snin huwa ma ghamel ebda kuntatt mar-rikorrenti ohtu, u safejn taf ir-rikorrenti, lanqas ma' martu l-intimata l-ohra, Inna Sergeevna Furtseva;

3. Illi meta l-intimati ma baqghux ihallsu l-pagamenti tas-self mehud mal-imsemmi bank, l-istess HSBC Bank Malta plc dar fuq ir-rikorrenti qua garanti u konsegwentement intlahaq ftehim bejn ir-rikorrenti u l-imsemmi Bank (Vide Dok. B) a bazi ta' liema, ir-rikorrenti hallset is-somma ta' sebghin elf ewro (€70,000) permezz

ta' zewg cekkijiet datati 31 ta' Awwissu 2015 ta' tmienja u sittin elf ewro (€68,000) u elf ewro (€1,000) rispettivament (Vide Dok. C) apparti l-hlas ta' elf ewro (€1,000) fi flus kontanti;

4. Illi sussegwentement ir-rikorrenti bdiet taghmel pagamenti mensili ta' erba' mija u sbatax-il ewro (€417) lill-HSBC Bank Malta plc u effettivament bejn Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) sa Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) thalset is-somma ta' tmien ta' elef tliet mija u erbghin ewro (€8,340) (Vide Dok. D);

5. Illi ghaldaqstant, sal-gurnata tal-lum, ir-rikorrenti hallset lil HSBC Bank Malta plc is-somma komplessiva ta' tmienja u sebghin elf, tliet mija u erbghin ewro (€78,340) mid-dejn dovut mill-intimati in solidum;

6. Illi minn din is-somma, missier l-assenti Terrence Gialanze, u cioe Walter Gialanze irrifonda lir-rikorrenti, is-somma ta' tmienja u erbghin elf ewro (€48,000);

7. Illi in vista ta' dan, il-pretensjoni attwali tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati in solidum bejniethom, sal-gurnata tal-lum, hi fl-ammont ta' tletin elf, tliet mija u erbghin ewro (€30,340); madanakollu r-rikorrenti ghadha qed thallas u taghmel tajjeb ghall-bilanc tas-self mehud mill-konvenuti;

8. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-intimata sabiex taffettwa l-hlas relattiv u tirrifondi lir-rikorrenti dak imhallsa minnha, din baqghet inadempjenti.

9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara l-konvenuti debituri in solidum bejniethom lejn l-attrici fl-ammont tletin elf, tliet mija u erbghin ewro (€30,340) jew kull somma ohra verjuri rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-hlas maghmul mir-rikorrenti qua garanti taghhom, lill-HSBC Bank Malta plc; u konsegwentement

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lir-rikorrenti, s-somma ta' tletin elf, tliet mija u erbghin ewro (€30,340) jew kull somma ohra verjuri li ser tirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali (166A) bin-numru 792/17 fl-ismijiet Olivia Mallia vs. Inna Sergeevna Furtseva, flimkien mal-imghaxijiet legali mid-dati ta' meta kienu dovuti l-flejjez fuq indikati sad-data tal-hlas effettiv; b'dan li l-konvenuta huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1. Illi l-eccipjenti ma ghandhiex thallas ebda sommom ta' flus lill-attrici peress illi l-attrici abbuzat mill-prokura moghtija lilha, u, minghajr ma ottjeniet il-kunsens tal-mandant eccipjenti, iffirmat ghal-hrug ta' self minn bank kummercjali u ppregudikat lill-eccipjenti;

2. Illi l-attrici rrendiet ruha hatja ta' ghemil doluz bi ksur tal-obbligi taghha qua mandatarja imposti ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hija ma agixxietx ukoll a nom u in rapprezentanza tal-eccipjenti in buona fede;

3. Illi l-attrici in mala fede ottjeniet self bankarju allegatament ghal bzonnijiet tal-eccipjenti u zewgha, meta l-eccipjenti ma kellhiex bzonn dawn il-flejjez qatt ma uzufruwit jew rat dawn il-flejjez, u l-attrici mandatarja qatt ma tat rendikont ta' dawn il-flejjez li ttiehdu mill-bank bi ksur tal-obbligi taghha ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi dan is-self ittiehed ad insaputa tal-eccipjenti illi ma kellhiex raguni ghalfejn taghti prokura lill-attrici biex jittiehed il-loan. L-eccipjenti dejjem dehret personalment f'kuntratti ta' certu importanza;

5. Illi l-attrici kellha interess personali li jinhareg dan is-self, bi pregudizzju ghall-eccipjenti tant li offriet garanzija fuq l-istess self;

6. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti ma ghandhiex tkun ikkundannat taghti xi forma ta' pagament jew rifuzzjoni lill-attrici.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi ghal Terrance Gialanze li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti li mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jimexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat;

2. Illi l-esponenti jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista' ghandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat minnhom rapprezentat, u dan jekk ghandhom informazzjoni ohra, oltre dik diga ipprovvduta fir-rikors.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attrici qed titlob rimbors ta' flus li kellha thallas lil bank bhala garanti solidali tal-konvenuti ghas-self li l-konvenuti hadu fit-22 ta' Settembru 2010 u li baqghu ma hallsux u ghalhekk il-bank mexxa fil-konfront tal-garanti ghal parti mis-somma dovuta.

## Fatti

Bhala fatti jirrizulta illi l-konvenut Terrence Gialanze jigi hu l-attrici mil-istess omm. Il-konvenuta li hi Russa hi mart il-konvenut u izzewgitu fl-2007. F'Ottubru 2008 il-konvenuti xtraw dar u ghamlu self mill-bank. Il-konvenuta kienet gejja u sejra Malta. F'xi zmien fl-2010 l-attrici tirrakonta li huha qalilha li ried jaghmel self biex jiftah negozju ghal rasu billi ma kienx imur tajjeb jahdem ma' missieru u talabha li tidhol garanti ghalih u martu. Hu weghdha li jiehu hsiebha meta n-negozju jkun fuq saqajh. Il-kuntratt tas-self sar fit-22 ta' Settembru 2010. Fit-13 ta' Settembru 2010 il-konvenuta iffirmat prokura generali favur l-attrici biex tidher f'isimha fuq il-kuntratt tas-self peress illi kienet tkun hafna r-Russja. L-inkwiet inqala' meta l-konvenut gheb mil-gzejjer Maltin fl-2012 u waqfu l-pagamenti tas-self. Il-bank dar fuq l-attrici ghal hlas billi kienet garanti solidali. Issa b'din l-azzjoni l-attrici qed iddur fuq il-konvenuta ghal hlasijiet li ghamlet lil bank bhala garanti.

Id-difiza principali anzi unika tal-konvenuta hi li l-attrici abbuzat mill-prokura moghtija u kienet in mala fede ghax is-self allegatament ittiehed ghal bzonnijiet tal-konvenut meta hi qatt ma kellha bzonn il-flus, qatt ma gawdiet xejn minnhom u l-attrici qatt ma tatha rendikont. Hi izzid li ma kellhiex raguni taghti prokura lil attrici u s-self ittiehed bla ma kienet taf. L-attrici kellha interess personali ghal hrug tas-self. Fix-xiehda taghha tispjega ahjar illi hi kienet konsapevoli tal-prokura li tat lil attrici pero hasbet li din ser tintuza ghax zewgha spjegalha li kellu bzonn il-firma taghha biex jiffirma xi karta relatata mad-dar li kienu xtraw fl-2008. Billi hi ma kinitx ser tkun Malta ghax kienet gejja u sejra r-Russja hi iffirmat il-prokura ghal tali skop biss.

## Konsiderazzjonijiet legali

L-artikolu rilevanti ghal vertenza huma s-segwenti. Fil-Kapitolu 16 l-artikolu 1856 jghid li:

> 1856. (1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.
> (2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax il-mandat.
>
> 1862. Il-mandat huwa specjali, jekk jinghata ghal haga wahda jew ghal xi hwejjeg determinati, biss; jew generali, jekk jinghata ghall-affarijiet kollha tal-mandat.
>
> 1864. Il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat.

> 1874. (1) Il-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz, izda wkoll ghal negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.
> (2) Izda, din ir-responsabbiltà, kwantu ghan-negligenza ghandha titqies b'mod anqas sever fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bla hlas, milli fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bil-hlas.

Fis-sentenza **Primitive African Art Limited vs Henri Baudet et**, (27/02/2018) saret referenza ghas-sentenza anterjuri Vassallo noe vs Ebejer (App 04/12/1936) fejn intqal hekk:

> l-mandante non e` obbligato per quello che il mandatario avesse fatto oltre tale facolta`, se cio` non e` stato espressamente o tacitamente ratificato. La ragione di tale disposizione e` chiara e evidente: manca il consenso del mandante per tutto cio` che il mandatario compie eccedendo i limiti del mandato; onde tali atti si considerano come non avvenuti riguardo al mandante; essi non gli giovano ne` lo pregiudicano; sono res inter alios acta".

Is-sentenza **Primitive African Art Limited** tkompli izzid li:

> Fid-Digesto Italiano (Mandato Civile - Vol. XV pte.I para.170 pag. 424) Angelo Olivieri jfisser l-obbligi tal-mandatarju bil-mod segwenti :
> "In primo e` tenuto il mandatario a eseguire totalmente il mandato, nel modo voluto dal mandante con la diligenza di un buon padre di famiglia. In secondo e`obbligato, nel compiere il mandato affidatogli, a non ecederne i limiti. In terzo deve eseguire il mandato personalmente, potendo solo in determinati casi sostituire a se` altri. In ultimo, obbligo suo e`quello di dare al mandante il conto della tenuta gestione, corrispondendo tutto cio` che ha percepito in forza del mandato."
> Dwar il-mod ta` l-esekuzzjoni tal-mandat, l-istess awtur ikompli jispjega fil-para.174, pag.425, illi:-
> "Il mandatario deve inoltre scupolosamente compiere l`affare nel modo espressamente o tacitamente prescritto dal mandante, e non a suo arbitrio. La forma, consistente nel complesso degli elementi intrinsici del mandato, espressamente formata dal mandante, traccia e indica la via che il mandatario deve seguire e dalla quale non puo` menomanente discostarsi. E va escluso al riguardo ogni abitrio del mandatario, poiche`, anche se il mandante non ha espresso il modo come il mandato deve esser eseguito, deve il madatario strettamente attenersi agli usi e alle consuetudini riguardanti il modo di espletare esso affare, ai quali si presume che il mandante tacitamente si rimise, e che esse volle dal mandatario rispettati".
> Dwar ir-responsabilita` tal-mandatarju ghall-ghemil doluz, jinghad filpara. 178, pag 426, illi:-
> "La responsabilita` del mandatario per il dolo risponde ai principi generali che regolano i conratti, essi sono stati particolarmente dal legislatore applicati in tema del mandato, giusta l`antichissimo insegnamento di

Cicerone e poi degli giureconsulti, secondo i quali non meritava scusa, considerazione alcuna il dolo."

Din il-Qorti izzid li l-prokuratur hu marbut b'obbligazzjoni fiducjarja ai termini tal-artikolu 1124A tal-Kap. 16 fosthom li jipprotegi l-interess tal-mandant billi ghandu pozizzjoni ta' fiducja specjalment jekk din tinvolvi proprjeta u illi jrid jagixxi bhala bonus paterfamilias.

**Rizultanzi**

Bazikament il-partijiet jaqblu li inghatat prokura lill-attrici. Ma hemmx qbil dwar l-iskop. Gie ippruvat mill-attrici illi hi ma hadet xejn mis-self moghti lil konvenuti fl-ammont konsiderevoli ta' Lm175,000. Anzi jirrizulta mix-xiehda ta' Sina Ebejer, rapprezentanta tal-bank HSBC illi s-self ingibed f'zewg okkazzjonijiet darba fejn gew zbankati Lm100,000 fit-23 ta' Settembru 2010 u darba ohra ta' Lm75,000 fis-27 ta' Settembru 2010. Ingibdu in kontanti mill-konvenut Terrance Gialanze (fol. 189 et seq. tal-process).

Ir-responsabilta tal-attrici ghandha jkollha riperkussjonijiet negattivi fuqha jekk hi uzat prokura moghtija mill-attrici kontra l-ghanijiet li ghaliha inghatat il-prokura. Il-prokura hi wahda generali u tkopri fost affariijiet ohra self. Din il-prokura saret quddiem in-Nutar Patricia Hall. Ghalkemm l-attrici issostni li ma nghatatx spjegazzjoni ta' dak li kien fiha l-prokura ghax id-diskors sar bil-Malti, in-Nutar Hall li irredigiet il-prokura sahqet li hi spjegat sew in-natura u kontenut tal-prokura bl-Ingliz u l-konvenuta fehmietha. Jinghad ukoll li l-attrici ma kinitx prezenti ghall-iffirmar tal-prokura.

Il-konvenuta issostni li hi ma kinitx taf li kien ser jittiehed self personali izda biss li l-prokura kienet mehtiega biex jigu iffirmati xi karti mal-bank rigward d-dar taghhom li l-konvenuti kienu xtraw fl-2008 u hi ma kinitx ser tkun Malta biex tiffirmahom. Il-konvenuta ma iddahalx lil attrici f'din l-allegata raguni tas-self u konsegwenti prokura. Dan jikkontrasta ma' dak li tixhed l-attrici cioe li huha qalilha li s-self ser isir minhabba li xtaq jiftah negozju ghal rasu.

Il-prova tal-malafede u abbuz allegatament kommess mill-attrici bl-uzu tal-prokura biex isir il-kuntratt tas-self irid jigi ippruvat mill-istess konvenuta li qed tallega tali

nuqqas. Pero jirrizulta illi l-konvenuta iffirmat is-sanction letter tas-self mal-bank flimkien ma' zewgha biex jinghataw is-self u dan ftit granet biss qabel iffirmat prokura lill-attrici. Hi terga' issostni li s-sanction letter iffirmatha ghall-iskop 'tad-dar'. Hi ma fehmet xejn minn dak li kien qed isir il-bank ghax kienu qed jitkellmu bil-Malti u hi giet mitluba tiffirma karta wahda biss.

Il-Qorti tqis li dawn il-provi semmai juru illi jekk xi hadd inganna lil konvenuta jekk kellha titwemmen it-tezi taghha li dak kollu li iffirmat (is-sanction letter tal-loan u l-prokura) hadd ma fehmielha, dan kien zewgha mhux l-attrici li fl-ebda hin ma saret xi prova fil-konfront taghha li ingannat lil konvenuta dwar l-iskop tal-prokura u s-sanction letter.

Il-Qorti izzid li anki jekk dan kien il-kaz, il-konvenuta kellha l-obbligu bhal kull persuna ta' responsabilta ragonevoli li jekk ma kinitx qed tifhem x'qed isir titlob parir jew ahjar ma tiffirmax fl-ghama kif taghti x'wiehed jifhem li ghamlet.

Il-Qorti wkoll ma hix konvinta li l-konvenuta ma tifhimx bl-Ingliz jekk l-istess Nutar li irredigiet il-prokura ikkonfermat bil-gurament taghha illi hi spjegat bl-Ingliz il-kontenut u l-effetti ta' prokura u li l-konvenuta fehmitha. L-istess jinghad rigward is-sanction letter iffirmat mill-konvenuta. Il-Qorti ma tqis verosimili illi l-ufficjali tal-bank hallew lil konvenuta tiffirma ghal ghoti ta' self sostanzjali minghajr ma spjegawhiex il-kontenut ta' dak li qed tiffirma u li hi ma staqsiet xejn dwar l-istess kontenut.

Il-Qorti hi konvinta li jekk sar xi qerq, dan kien kollu dovut ghar-raggiri u maniggi tal-konvenut li irnexxielu jqarraq bl-attrici u l-konvenuta biex jottjeni self li zbanka in kontanti ftit granet biss wara li gie iffirmat il-kuntratt ta' self minghajr ebda tracca x'sar mill-flus. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq l-operat xejn responsabbli tal-bank f'din ic-cirkostanza li tippermetti zbank ta' somma daqshekk kbira in kontanti minghajr ebda kjarifika jew verifika fejn kienu ser imorru dawn il-flus. Hu minnu illi s-self inhareg 'ghal bzonniijiet personali', terminologija ferm laxka, pero dan ma jfissirx li l-bank ukoll ma kellux l-obbligi tieghu. Pero din hi kwistjoni li l-Qorti ma tidholx fiha billi ma hix parti mill-mertu tal-azzjoni.

Il-buona fede tal-attrici ma gietx imxellfa mill-provi u dan jinghad ghax ma saret ebda prova ta' komplicita mal-konvenut ghal dak li sar mill-flus mislufa. In oltre, ghalkemm il-konvenut harab minn Malta fl-2012, l-attrici baqghet hawn, taffacja l-konsegwenzi tal-garanzija li hi tat bil-proprjeta taghha. Dan mhux sintomatiku ta' xi hadd li ghandu x'jahbi.

Il-Qorti wkoll ma tifhimx kif il-konvenuta tistenna li l-attrici naqset ghax ma tatx rendikont tal-amministrazzjoni taghha. Il-prokura moghtija kienet biex jigi iffirmat il-kuntratt ta' self li kienet gia approvat l-istess konvenuta bis-sanction letter iffirmata minnha. L-attrici ma kellha ebda obbligi ohra naxxenti mis-self billi hi ma kellha ebda konnessjoni mal-izbank tal-flus jew x'sar minnhom. Is-self ma kienx f'isimha izda f'isem il-konvenuti. Semmai kien jispetta lid-diligenza tal-istess konvenuta li tara x'qed jaghmel zewgha, specjalment meta jidher li kienet tkun spiss nieqsa minn Malta. L-attrici ma kellha ebda obbligi verso l-konvenuti hlief li taghmel tajjeb jekk dawn jonqsu mill-obbligi taghhom verso l-bank.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma jithoqqilhomx jigu milqugha.

L-attrici qua garanti li giet mitluba thallas lil bank id-dejn tal-konvenuta, qed titlob li tigi risarcita dak li hi kellha thallas il-bank ghax dar fuqha billi hi kienet responsabbli in solidum mad-debituri ghal hlas tad-dejn. L-artikolu 1925 tal-Kap. 16 jghid li l-garanti hu obbligat jissodisfa l-kreditu ghal obbligi ta' terz sal-ammont garantit, u li meta jkun intrabat in solidum ma jistax jitlob il-beneficcju tal-eskussjoni (art. 1935 Kap. 16). L-artikolu 1942 u 1946 tal-Kap. 16 jaghtu d-dritt lil garanti ghal rimbors ta' dak kollu mhallas mill-garanti li jinkludi l-kapital u l-imghax u spejjez u li dan l-ammont jista' jingabar minn kull wiehed mid-debituri.

L-attrici ippruvat li hi hallset lil bank is-somma ta' €78,340 mid-dejn tal-konvenuti ghalkemm missier il-konvenut irrifonda lil attrici s-somma ta' €48,000. Mill-ittra tal-bank a fol. 18 tal-process jidher li l-bank kien lest jaccetta minghand l-attrici sa €100,000 minn dak dovut mill-konvenuti u li ma kien ser ifittex izjed lil garanti ghar-rimanenti bilanc tad-dejn. Il-hlasijiet jirrizultaw a fol. 20 et seq. tal-process.

L-attrici qed titlob f'din il-kawza dak li hi hallset sa meta giet prezentata l-kawza cioe €78,340 li minnhom jridu jitnaqqsu l-ammont li hallasha missier il-konvenut, li jhalli bilanc ta' €30,340. Dan l-ammont jidher gustifikat. Il-konvenuti ma resqu ebda prova kuntrarja u ghalhekk huma koresponsabbli in solidum verso l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti in solidum ihallsu lil attrici s-somma ta' €30,340, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali bin numru 792/17.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur